MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' Ġunju, 2017

Rikors Maħluf Numru 887/15LM

**Dottor Michelle Tabone (K.I. 138371M) fil-kwalità tagħha ta' Ekonomu tal-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, Amministratur tal-Entijiet Ekkleżjastiċi Djoċesani kollha f'Malta għan-nom u fl-interess tal-Konfraternità tal-Karmnu tal-Belt Valletta magħrufa wkoll bħala l-Veneranda Solidalità della Beata Vergine del Carmelo della Valletta u din f'isimha proprju kif ukoll bħala amministratriċi tal-Legat taż-Żwieġ fondat minn Maddalena Cardona**

***vs.***

**(1) Reverendu Alexander Vella (K.I. 320060M) bħala Provinċjal tal-Ordni Karmelitan ta' Malta u in rappreżentanza tal-istess u r-Reverendu Charles Mallia (K.I. 132557M) bħala Pirjol tal-Komunità Karmelitana tal-Kunvent tal-Karmelitani tal-Balluta San Ġiljan u in rappreżentanza tal-istess;**

**u**

**(2) John Cilia (K.I. 262857M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **Dottor Michelle Tabone fil-kwalità tagħha ta' Ekonomu tal-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, Amministratur tal-Entijiet Ekkleżjastiċi Djoċesani kollha f'Malta għan-nom u fl-interess tal-Konfraternità tal-Karmnu tal-Belt Valletta magħrufa wkoll bħala l-Veneranda Solidalità della Beata Vergine del Carmelo della Valletta u din f'isimha proprju kif ukoll bħala amministratriċi tal-Legat taż-Żwieġ fondat minn Maddalena Cardona** (minn issa 'l quddiem "l-attriċi *nomine*"), li ġie ppreżentat fl-24 ta' Settembru, 2015, li jgħid kif ġej:

> *1. Illi in forza ta' kuntratt datat 1 ta' Frar, 1890 in atti Nutar Salvatore Galea Balzan (Dok "A"[1]), l-attriċi nomine kkonċediet lill-konvenuti Reverendi Vella u Mallia nomine, il-Knisja u Art annessa mal-istess Knisja, ġewwa Triq it-Torri tas-Sliema, liema Knisja ngħatat b'titolu ta' donazzjoni, filwaqt li l-imsemmija art ingħatat b'titolu ta' enfitewsi perpetwa;*
>
> *2. Illi fost diversi klawsoli li imponew kundizzjonijiet fl-imsemmi kuntratt ta' konċessjoni, ġie stipulat espressament inter alia illi 'Che i detti Reverendi Padri non potranno cedere ad altri né la Chiesa, né il Convento e cedendo diverreranno tanto l'uno che l'altra proprietà della Solidalità suddetta'[2], fil-klawsola numru 3 u mbagħad ukoll klawsola 11, 'Che nel caso che il Convento da costruirsi venisse a cessare di essere usato come Convento, tanto il Convento, quanto la Chiesa, debbano ritornare nel potere della Solidalità sopra menzionata';[3]*
>
> *3. Illi l-konvenuti Reverendi Vella u Mallia nomine kkonċedew lill-konvenut l-ieħor John Cilia, parti mill-art tal-kunvent, mertu tal-kuntratt fuq imsemmi, u dan kif aħjar jirriżulta mill-kopja mill-istess kuntratt tat-13 ta' Ottubru, 2011 li sar quddiem in-Nutar Dottor Anna-Marie Tonna, hawn anness u mmarkat 'Dok B'[4], liema konċessjoni ad insaputa tal-attriċi nomine u fejn ingħad ukoll li qed issir għall-skopijiet kummerċjali u ċertament mhux sabiex dik il-parti tal-istess*

[1] *A fol.* 7 sa 27.
[2] *A fol.* 10.
[3] *A fol.* 13.
[4] *A fol.* 28 sa 31.

*art tibqa' tintuża għall-iskop tal-istess Kunvent, kif espressament stipulat fil-kuntratt, taħt piena ta' retroċessjoni. Illi l-imsemmi kuntratt li bih ir-Reverendi Vella u Mallia nomine kkonċedew il-porzjoni ta' art lill-konvenut John Cilia, għalkemm jingħad li huwa kuntratt ta' lokazzjoni, huwa kuntratt illi ġie konċess għal ħamsin (50) sena u taħt kundizzjonijiet li jaqblu ħafna iżjed mad-dispożizzjonijiet tal-enfitewsi milli ta' kuntratt ta' kiri;*

*4. Illi l-konvenuti Reverendi Vella u Mallia nomine ġew interpellati biex jersqu għar-rexissjoni totali tal-konċessjoni tat-13 ta' Ottubru, 2011 li saret quddiem in-Nutar Dottor Anna-Marie Tonna u dan sabiex il-konvenuti Reverendi Vella u Mallia nomine jkunu jistgħu jottemperaw ruħhom mal-kundizzjonijiet kontrattwali u partikolarment kundizzjonijiet espressi u reżoluttivi tal-istess kuntratt rigward użu esklussiv bħala Knisja u Kunvent u divjet ta' ċessjoni mill-fond konċess lilhom, iżda l-konvenuti baqgħu inadempjenti u anke stqarrew li qed jiġu miżmumin jagħmlu dan mill-konvenut l-ieħor John Cilia (Dok. "C1 u C2"*[5]*);*

*5. Illi in forza ta' Digriet mogħti minn Din l-Onorabbli Qorti fl-10 ta' Settembru, 2015, (Dok. "D"*[6]*), Din l-Onorabbli Qorti Ordnat il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenuti u inibit lill-istess konvenuti milli b'xi mod jew taħt kwalsiasi titolu, direttament jew indirettament, jaċċedu, jidħlu, jokkupaw, jiddetjenu, jużaw u jiskavaw u jibnu xi benefikat jew jippermettu lil min jagħmel hekk fuq xi parti mill-art indikata bl-aħmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dok 'E'*[7]*, ġewwa Triq it-Torri Ta' Sliema, konċessa mill-attriċi nomine lill-konvenuti Reverendi Vella u Mallia nomine bil-kuntratt ta' donazzjoni u enfitewsi perpetwa tal-1 ta' Frar, 1890, in atti Nutar Dottor Salvatore Galea Balzan fuq imsemmi;*

*6. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'Għandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tal-attriċi nomine li qiegħda hawn titlob li Din il-Qorti Jogħġobha:*

*(1) Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-porzjoni ta' art indikata bl-aħmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dok 'E', ġewwa Triq it-Torri, Tas-Sliema, konċessa mill-konvenuti Reverendi Vella u Mallia nomine lill-konvenut John Cilia in forza tal-iskrittura privata tat-13 ta' Ottubru, 2011 li saret quddiem*

[5] Dok. C1 datat 30 ta' April, 2015, *a fol.* 32 u 33 tal-proċess u dok. C2 datat 20 ta' Mejju, 2015, *a fol.* 34 tal-proċess.
[6] Rikors *a fol.* 35 sa 38 tal-proċess u digriet *a fol.* 39 tal-proċess.
[7] *A fol.* 40 tal-proċess.

*in-Nutar Dottor Anne-Marie Tonna (Dok. "B") tifforma parti mill-art konċessa in enfitewsi perpetwa mill-attriċi nomine lill-konvenuti Vella u Mallia nomine in forza tal-kuntratt tal-1 ta' Frar, 1890 in atti Nutar Dottor Salvatore Galea Balzan (Dok. "A");*

*(2) Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-konċessjoni magħmula bl-iskrittura privata tat-13 ta' Ottubru, 2011 quddiem in-Nutar Dottor Anna-Marie Tonna fejn il-konvenuti Reverendi Vella u Mallia nomine kkonċedew lill-konvenut John Cilia, l-porzjoni ta' art indikata bl-aħmar fuq l-anness Dokument "E" ġewwa Triq it-Torri, Ta' Sliema, tivvjola l-kundizzjonijiet tal-konċessjoni enfitewtika li saret mill-attriċi nomine lill-konvenuti Reverendi Vella u Mallia nomime bil-kuntratt ta' donazzjoni u ta' enfitewsi perpetwa tal-1 ta' Frar, 1980 in atti tan-Nutar Salvatore Galea Balzan (Dok. "A");*

*(3) Tannulla, Tħassar u Tirrevola l-kuntratt ta' donazzjoni u ta' enfitewsi perpetwa tal-1 ta' Frar 1890 in atti Nutar Salvatore Galea Balzan (Dok. "A") u Tordna r-retroċessjoni, u r-reverżjoni favur l-attriċi nomine ta' dak kollu konċess lill-konvenuti Reverendi Vella u Mallia nomine bil-kuntratt ta' donazzjoni u ta' enfitewsi perpetwa hawn fuq imsemmi, inkluż il-knisja tal-Madonna tal-Karmnu u l-Kunvent li jinsabu ġewwa Triq it-Torri, Ta' Sliema;*

*(4) Tinnominja Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt ta' retroċessjoni, reversjoni u annullament tħassir u revoka tal-kuntratt tal-1 ta' Frar, 1980 in atti Nutar Dottor Salvatore Galea Balzan (Dok. "A") u l-konsegwenti retroċessjoni u reversjoni favur l-attriċi nomine, ta' dak kollu konċess lill-konvenuti Reverendi Vella u Mallia nomine bill-kuntratt ta' donazzjoni u ta' enfitewsi perpetwa hawn fuq imsemmi, ikluż il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu u l-Kunvent li jinsabu ġewwa Triq it-Torri, Ta' Sliema kif ukoll tinnomina Kuratur għall-eventwali kontumaċi;*

*(5) Tiddikjara u Tiddeċiedi li ġialadarba l-kuntratt ta' donazzjoni u ta' enfitewsi perpetwa tal-1 ta' Frar, 1890 in atti Nutar Salvatore Galea Balzan (Dok. "A"), huwa annullat, imħassar u revokat, huwa konsegwentement rexiss revokat imħassar u annullat, il-kuntratt magħmul bl-iskrittura privata tat-13 ta' Ottubru, 2011 quddiem in-Nutar Anne-Marie Tonna fejn il-konvenuti Reverendi Vella u Mallia nomine kkonċedew lill-konvenut John Cilia, l-porzjoni ta' art indikata bl-aħmar fuq l-anness dokument "E" ġewwa Triq it-Torri, Ta' Sliema;*

*(6) Tordna lill-konvenut John Cilia jiżgombra mill-porzjoni ta' art indikata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta hawn annessa u markata Dok. "E" fi Triq it-Torri, Ta' Sliema, konċessa lilu mill-konvenuti Reverendi Vella u Mallia nomine bl-iskrittura tat-13 ta' Ottubru 2011 (Dok. "B") u jħalliha libera u battala favur l-attriċi nomine fi żmien qasir u perentorju li Din il-Qorti Jogħġobha Tipprefiġġi għal dan il-għan;*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1225/15 (Dok. "D") kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tar-**Reverendu Alexander Vella bħala Provinċjal tal-Ordni Karmelitana ta' Malta u in rappreżentanza tal-istess, u r-Reverendu Charles Mallia bħala Pirjol tal-Komunità Karmelitana tal-Kunvent tal-Karmelitani tal-Balluta San Ġiljan u in rappreżentanza tal-istess** (minn issa 'l quddiem "l-Ordni u l-Komunità konvenuti"), li ġiet ippreżentata fl-4 ta' Novembru, 2015, li biha eċċepew:

1 *Illi, preliminarjament, ir-Rikorrenti nomine trid tagħti prova li hi vestita bl-amministrazzjoni u li tista' taqdi l-funzjonijiet ta' Amministratriċi taż-żewġ entitajiet li hija qiegħda tgħid li tirrappreżenta.*

2 *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost din il-proċedura hija intempestiva stante li l-Komunità Karmelitana Intimata ħadet il-passi kollha meħtieġa biex l-imsemmija skrittura privata tiġi mħassra bonarjament u minħabba li John Cilia l-Intimat l-ieħor irrifjuta li jersaq għar-rexissjoni tagħha, il-validità tal-ftehim inkwistjoni qiegħda tiġi kkontestata fi proċeduri ġudizzjarji separati fil-kawżi quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta bin-numru 659/2015* (recte) *u bin-numru 987/2015.*

3 *Illi, it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra r-Rikorrenti nomine stante illi l-Komunità Karmelitana ma vvjolat ebda kundizzjoni tal-konċessjoni enfitewtika fl-atti tan-Nutar Salvatore Galea Balzan tal-1 ta' Frar, 1890, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

4 *Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

*Għaldaqstant it-talbiet kollha tar-Rikorrenti nomine għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra r-Rikorrenti nomine li minn issa qiegħed jiġi inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **John Cilia** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fil-5 ta' Novembru, 2015, li biha eċċepixxa:

1 *Illi, preliminarjament, ir-rikorrenti nomine trid tipprova illi hija verament għandha r-rappreżentanza tal-entitajiet kollha li għan-nom tagħhom hija ippromoviet dawn il-proċeduri.*

2 *Illi mingħajr preġudizzju ir-rikorrenti m'għandha l-ebda dritt li titlob ir-retroċessjoni, reversjoni, annullament, tħassir u revoka tal-kuntratt tal-1 ta' Frar, 1890 u dan ċertament għar-raġunijiet minnha mogħtija.*

3 *Illi r-rikorrenti qed tibbaża il-pretensjonijiet tagħha fuq dak li hija ssejjaħ konċessjoni li saret mill-intimati l-oħra a favur tal-esponent bis-saħħa ta' skrittura privata tat-13 ta' Ottubru, 2011 esebita mar-rikors ġuramentat u mmarkata DOK. B.*

4 *Illi kif jidher ċar mir-rikors ġuramentat ir-rikorrenti qiegħda ssostni li minkejja li fl-imsemmija skrittura privata din jingħad espressament li hija lokazzjoni, qiegħda tgħid li dina attwalment mhix ħlief kuntratt ta' konċessjoni għal (50) ħamsin sena li tixbah ħafna iżjed enfitewsi milli kirja.*

5 *Illi ġaladarba r-rikorrenti għażlet li ssostni din il-linja ta' kawżali in sostenn tat-talbiet tagħha, hija marbuta mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1498(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) li jiddisponi li jekk, bħal dan il-każ, il-ftehim ma jsirx permezz ta' att pubbliku jitqies li huwa null għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Għalhekk "quod nullum est, nullum producit effectum" u l-intimati l-oħra ma jistgħux għalhekk jitqiesu li marru kontra d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt ta' enfitewsi tal-1 ta' Frar, 1890 anness mar-rikors ġuramentat u mmarkat bħala DOK. A.*

6 *Illi mingħajr preġudizzju f'kull każ ma hemm l-ebda talba sabiex l-iskrittura privata tat-13 ta' Ottubru, 2011 esebita mar-rikors ġuramentat u mmarkat DOK.B jiġi ddikjarat null ai termini tal-imsemmi Artikolu 1498(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).*

*7 Illi mingħajr preġudizzju l-intimat esegwixxa kuntratt validu ta' lokazzjoni mal-intimati l-oħra u r-rikorrenti m'għandha l-ebda dritt għat-talbiet tagħha kif dedotti fir-rikors ġuramentat għaliex il-kawżali minnha sottomessi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2015 fejn il-Qorti kif diversament ippreseduta ħalliet il-kawża għall-provi tal-attriċi nomine dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' April, 2016 fejn il-Qorti kif diversament preseduta ordnat illi l-atti tal-kawża jiġu trasmessi lir-Reġistratur (Qrati Ċivili u Tribunali) sabiex jiġu mgħoddija lil din il-Qorti kif preseduta biex tinstema' flimkien mal-kawża Rikors Maħluf Numru 659/2015LM.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Mejju, 2016 fejn wara li l-avukati difensuri tal-partijiet għamlu riferiment għall-kawżi Rikors Maħluf Numru 659/2015[8] u Rikors Maħluf Numru 987/2015[9] u ddikjaraw illi minħabba l-konnessjoni li teżisti bejn din il-kawża u l-imsemmija kawżi, il-provi mressqa f'dawk il-kawżi għandhom jgħoddu wkoll għal din il-kawża, ingħata digriet minn din il-Qorti kif preseduta li ordnat illi l-provi mressqa fil-kawżi Rikors Maħluf Numru 659/2015 u Rikors Maħluf Numru 987/2015 għandhom jgħoddu wkoll għal

[8] Rikors Maħluf Nru 659/2015LM fl-ismijiet **John Cilia *vs.* Ir-Reverendu Alexander Vella *noe. et.*** (fejn intervjeniet *in statu et terminis* Dr Michelle Tabone nomine) fejn l-attur f'dik il-kawża qiegħed jitlob illi l-konvenuti f'dik il-kawża jitwaqqfu milli jaddivjenu għall-kanċellament jew rexissjoni tal-konċessjoni enfitewtika li ngħatat bis-saħħa tal-kuntratt datat 1 ta' Frar, 1890, liema kawża qed tinstema' minn din il-Qorti kif preseduta.

[9] Rikors Maħluf 987/2015LM fl-ismijiet **Reverend Alexander Vella *et. noe. vs*. John Cilia *et.*** (fejn intervjeniet *in statu et terminis* Dr. Michelle Tabone nomine) fejn l-atturi f'dik il-kawża u l-Ordni u l-Komunità konvenuti fil-kawża odjerna, qegħdin jitolbu li tiġi dikjarata nulla l-iskrittura tat-13 ta' Ottubru, 2011, liema kawża wkoll qed tinstema' minn din il-Qorti kif preseduta.

din il-kawża u ordnat illi kopja tax-xhieda li tinġabar fl-imsemmija kawżi tiġi inserita fil-proċess ta' din il-kawża.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xiehda mressqa mill-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' April, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Ordni u tal-Komunità konvenuti u dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut John Cilia.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Din il-kawża qed issir minn Dr Michelle Tabone, Ekonomu tal-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta u Amministratur tal-Entitajiet Ekklesjastiċi Djoċesani kollha f'Malta għan-nom u fl-interess tal-Konfraternità tal-Karmnu tal-Belt Valletta, magħrufa wkoll bħala l-Veneranda Solidalità della Beata Vergine del Carmelo della Valletta, f'isimha proprju u

kemm bħala amministratriċi tal-Legat taż-Żwieġ fondat minn Maddalena Cardona.

B'kuntratt tat-13 ta' Ottubru, 2011 quddiem in-Nutar Anne-Marie Tonna, il-Pirjol *Pro Tempore* preċedenti tal-Komunità Karmelitana tal-Kunvent tal-Karmelitani, il-Balluta, Patri Anthony Cilia, għan-nom l-istess Komunità, ta b'titolu ta' lokazzjoni għal 50 sena lil ħuh[10] John Cilia, għal skop ta' kummerċ ħlief għal użu ta' *nightclub* jew attivitajiet oħra li jmorru kontra t-twemmin u l-valuri Insara[11], porzjon art li tinsab quddiem il-Kjerikat, bitħa u ġnien, li tagħti fuq Triq it-Torri Ta' Sliema limitatament sal-arja tal-istess art sa qabel is-saqaf tat-tieni sular.

Dr Michelle Tabone *nomine* qed tattakka dan il-kuntratt privat minħabba li din l-art kienet parti mill-art konċessa lill-Komunità tal-Kunvent tal-Karmelitani tal-Balluta San Ġiljan, b'titolu ta' enfitewsi perpetwa (flimkien mal-knisja li ngħatat b'donazzjoni) b'kuntratt datat 1 ta' Frar, 1890 in atti tan-Nutar Salvatore Galea Balzan, bil-kundizzjoni li l-istess Komunità ma setgħetx tagħmel tali ċessjoni stante li l-art kellha tibqa' għall-użu esklussiv tal-Knisja u tal-Kunvent. L-attriċi *nomine* tikkontendi illi l-kuntratt tat-13 ta' Ottubru, 2011 jivvjola l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tad-donazzjoni tal-Knisja u taċ-ċens perpetwu tal-art madwar il-Knisja datat l-1 ta' Frar, 1890 u qiegħda titlob għalhekk illi l-imsemmi kuntratt tal-1 ta' Frar, 1890 għandu jiġi rexiss, annullat, imħassar u revokat. L-attriċi *nomine* qed titlob ukoll illi konsegwentement għandu jiġi rexiss, imħassar, revokat u annullat ukoll il-kuntratt li sar bi skrittura privata fit-13 ta' Ottubru, 2011. Finalment l-attriċi

[10] Kif jirriżulta mill-kuntratt *a fol.* 28 tal-proċess, fejn it-tnejn li huma għandhom l-istess konnotati.
[11] Kif jirriżulta mill-kuntratt *a fol.* 30 tal-proċess.

*nomine* qiegħda titlob illi l-konvenut John Cilia jiġi żgumbrat mill-porzjon art mertu ta' din il-kawża.

**L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta**

Dak illi se jiġi ttrattat u deċiż mill-Qorti f'dan l-istadju hija l-ewwel eċċezzjoni tal-Ordni u tal-Komunità konvenuti u tal-konvenut John Cilia. L-Ordni u l-Komunità konvenuti eċċepew preliminarjament li l-attriċi *nomine* trid l-ewwel iġġib prova li hi vestita bl-amministrazzjoni u tista' taqdi l-funżjonijiet ta' amministratriċi taż-żewġ entitajiet attriċi u ċjoè tal-Konfraternità tal-Karmnu tal-Belt Valletta magħrufa wkoll bħala l-Veneranda Solidalità della Beata Vergine del Carmelo della Valletta kemm f'isimha proprju u kemm bħala amministratriċi tal-Legat taż-Żwieġ fondat minn Maddalena Cardona. Min-naħa tiegħu l-konvenut John Cilia eċċepixxa preliminarjament illi l-attriċi *nomine* trid tipprova illi hija verament għandha r-rappreżentanza tal-entitajiet kollha li għan-nom tagħhom hija ppromoviet dawn il-proċeduri.

**Provi u riżultanzi**

Il-provi f'dan l-istadju ovvjament kellhom jitressqu mill-attriċi *nomine,* u fil-fatt min-naħa tal-konvenut John Cilia saru biss xi kontroeżamijiet.

Fl-affidavit tagħha l-attriċi nomine **Dr Michelle Tabone**[12] spjegat illi bħala l-Ekonomu *pro tempore* għandha r-rappreżentanza ġuridika ta' Monsinjur Arċisqof *pro tempore* u dan skont id-digrieti tal-Eċċellenza tiegħu l-Arċisqof ta' Malta mogħtija fil-5 ta' Jannar, 2004 u fit-13 ta' Mejju, 2015[13] *ai termini* tal-artikolu 786(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta[14] fejn Dr Michelle Tabone ġiet nominata u sussegwentement ikkonfermata bħala Ekonomu tal-Arċisqof.

L-attriċi *nomine* Dr Michelle Tabone esebiet ukoll[15] digriet tal-Arċidjoċesi tal-24 ta' Diċembru, 1979 u digriet ieħor tat-3 ta' Awwissu, 1983 tal-Kanċillier u l-Arċisqof u nota spjegattiva tat-12 ta' Awwissu, 1983 tal-Kanċillier tad-Djoċesi, fejn l-Arċisqof ta' Malta nħatar amministratur tal-beni kollha ekklesjastiċi tad-Djoċesi u tal-Konfraternitajiet kollha. Fl-aħħar nett l-attriċi *nomine* spjegat li l-art inkwistjoni fi Triq it-Torri Tas-Sliema tappartjeni lill-Legat taż-Żwieġ ta' Maddalena Cardona li kkonċedietu b'titolu ta' donazzjoni lill-istess Solidalità tal-Karmnu u dan il-legat hu infilzat mal-imsemmija Konfraternità tal-Karmnu.

Fil-kontroeżami li sarilha[16] l-attriċi *nomine* spjegat li hi għandha biss ir-rappreżentanza ġuridika u ma tidħolx fl-amministrazzjoni tal-fondi li jidħlu mill-kirjiet rigward l-art inkwistjoni.

---

[12] *A fol.* 58 u 59 tal-proċess.
[13] *A fol.* 60 u 61 rispettivament tal-proċess.
[14] "786. (1) L-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna li tidher jew tkun konvenuta fl-isem jew fl-interess ta' ħaddieħor ma tistax tingħata kontra l-ekonomu jew uffiċjal ieħor li jkun qiegħed jaqdi funzjoni ekwivalenti fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta u fil-Kurja Veskovili ta' Għawdex, ...".
[15] *A fol.* 62, 64 u 65 tal-proċess rispettivament.
[16] *A fol.* 200 sa 203 tal-proċess.

Fl-affidavit tiegħu **Raymond Bonnici**[17]**,** *Property Manager* tal-Arċidjoċesi ta' Malta, minbarra dak li spjegat l-Ekonomu, esebixxa wkoll kopja tal-istatut bażiku tal-fratellanzi[18], u qal ukoll illi skont l-istess statut, l-amministrazzjoni finanzjarja tal-fratellanzi u l-inventarju tal-fratellanzi mwaqqfa f'Parroċċa, jidħlu fl-amministrazzjoni ġenerali tal-parroċċa taħt il-Kappillan u dan bħala amministratur tal-ġid tal-parroċċa f'isem l-Arċisqof.[19]

In kontroeżami x-xhud Raymond Bonnici spjega[20] li hu impjegat tal-Kurja u f'isem il-Kurja jamministra l-proprjetà inkwistjoni li tinsab fejn il-knisja tal-Balluta u għan-nom tal-Konfraternità amministrata mill-Kurja jinnegozja *lease agreements* meta jagħlqu. Dwar l-art inkwistjoni dan ix-xhud jgħid li din l-art kienet konċessa mill-Konfraternità lill-Patrijiet konvenuti b'titolu ta' ċens perpetwu. F'udjenza sussegwenti x-xhud ippreżenta l-aħħar irċevuta taċ-ċens[21] li tħallas mill-Patrijiet. Permezz ta' avviż maħruġ mill-Kurja Arċiveskovili f'April, 2015 intalab mingħand il-Pirjol tal-Kunvent tal-Karmnu, Triq it-Torri, Tas-Sliema l-ħlas b'lura taċ-ċens perpetwu għas-snin 1 ta' Frar, 2009 sal-31 ta' Jannar, 2015. Iċ-ċens perpetwu tħallas fit-28 ta' April, 2015 b'timbru tal-ħlas bħala rċevuta li nħarġet mill-Kurja Arċiveskovili.

Ix-xhud **Lorenzo Zahra**[22], impjegat mill-Kurja Arċiveskovili għall-aħħar 29 sena u li xogħlu hu li jaqra arkivji antiki, ippreżenta l-Att Kostituttiv tal-

[17] *A fol.* 69 u 70.
[18] *A fol.* 71 sa 84.
[19] F'paġna 17 tal-istatut, paragrafi 14. 1 u 14.2, *a fol.* 80.
[20] *A fol.* 205 u 206 u 208 sa 210.
[21] *A fol.* 211.
[22] *A fol.* 85.

Konfratenità tal-Karmnu tal-Belt Valletta approvat mill-Arċisqof fil-31 ta' Jannar, 1716[23] u traskrizzjoni fidila tagħha.

Fl-aħħar nett xehed **Victor Bonnici**[24], li ġie inkarigat mill-Kurja biex jittraskrivi u jittraduċi t-testment ta' Maddalena Cardona u l-kodiċi illi hemm annessi, fl-atti tan-Nutar Domenico Gerolamo Bonavita datati 20 ta' Novembru, 1751 u 29 ta' Diċembru, 1751.[25] Ix-xhud ippreżenta kopja tad-dokument oriġinali[26], traskrizzjoni leġibbli tiegħu bil-Latin[27], u traduzzjoni tal-istess dokument bl-Ingliz[28], minn fejn jirriżulta li l-Konfraternità tal-Karmnu ġiet maħtura bħala amministratur tal-Legat taż-Żwieġ fondat minn Maddalena Cardona.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Fl-eċċezzjoni preliminari tagħhom il-konvenuti jisħqu illi l-attriċi *nomine* trid l-ewwel iġġib prova li kemm il-Konfraternità tal-Karmnu tal-Belt li kkonċediet d-donazzjoni tal-Knisja u l-enfitewsi perpetwa tal-art mertu tal-kawża lill-Ordni u l-Komunità konvenuti u kemm il-Legat taż-Żwieġ fondat minn Maddalena Cardona li kkonċediet id-donazzjoni lill-istess Konfraternità, jaqgħu taħt l-amministrazzjoni tal-Eċċellenza tiegħu l-Arċisqof ta' Malta u li effettivament dan huwa rappreżentat korrettement mill-Ekonomu Dottor Michelle Tabone.

---

[23] *A fol.* 86 sa 126 u traskrizzjoni magħmula mill-istess xhud *a fol.* 127 sa 149. Fil-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Ġunju, 2016, (*fol.* 194 tal-proċess), il-partijiet kollha f'din il-kawża qablu li t-traskrizzjonijiet u traduzzjonijiet li saru *ex parte* minn esperti inkarigati mill-Kurja huma fidili għall-oriġinali.

[24] *A fol.* 153.

[25] Il-partijiet fil-verbal imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23, li qablu li t-traskrizzjoni u traduzzjoni huma fidili, għamlu riferiment ukoll għal dawn id-dokumenti.

[26] *A fol.* 154 sa 166.

[27] *A fol.* 177 sa 186.

[28] *A fol.* 167 sa 176.

L-attiċi *nomine* kienet tenuta li tressaq dawn il-provi, fuq il-premessa wkoll li din il-Qorti trid tiddeċiedi mhux biss skont il-liġi iżda wkoll abbażi tal-provi li jiġu mressqa quddiemha u dan fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li min jallega jrid jipprova dak li qed jallega ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12.

Mill-provi prodotti jirriżulta b'mod ċar illi bit-testment ta' Maddalena Cardona, il-Legat taż-Żwieġ tħalla f'idejn il-Konfraternità tal-Karmnu tal-Belt Valletta biex jiġi amministrat minnha. L-istess konfraternità kkonċediet b'kuntratt tal-1 ta' Frar, 1890, lill-Ordni u lill-Komunità konvenuti, donazzjoni tal-Knisja u b'titolu ta' ċens perpetwu l-art inkwistjoni, li parti minnha hija l-kawża ta' dan il-litiġju.

Jibqa' x'jiġi deċiż il-kweżit jekk fl-ewwel lok l-Ekonomu tal-Eċċellenza tiegħu Arċisqof ta' Malta għandux rappreżentanza tal-istess Arċisqof, u fit-tieni lok jekk l-Arċisqof għandux rappreżentanza tal-Konfraternità tal-Karmnu tal-Belt Valletta u tal-Legat taż-Żwieġ kostitwit minn Maddalena Cardona.

Illi mill-provi prodotti mill-Avukat Michelle Tabone *nomine* u mid-dokumentazzjoni ppreżentata, m'għandux ikun hemm dubju dwar il-validità tal-ħatra tagħha bħala Ekonomu u bħala rappreżentant ġuridiku tal-Arċisqof ta' Malta.[29]

Illi kwantu għar-rappreżentaza tal-Arċisqof kemm tal-Konfraternitajiet Ekklesjastiċi u kemm tal-Fondazzjonijiet Piji bħal legati taż-żwieġ, jirriżulta

[29] Ara dokumenti *a fol.* 60 u 61.

mill-provi illi skont id-digrieti tal-Arċidjoċesi fuq imsemmija[30] ġew iċċentralizzati l-beni kollha u l-Konfraternitajiet kollha taħt l-amministratazzjoni tal-Arċisqof. Barra minn hekk l-istatut ġenerali ta' dawn il-Fondazzjonijiet[31] jagħmilha tassattiva li finalment l-amministrazzjoni ta' dawn il-Konfraternitajiet taqa' f'idejn l-Arċisqof ta' Malta. L-abbli avukat tal-attriċi *nomine* għamel riferiment għall-*canone* 1276(1) tal-Kodiċi Kanoniku viġenti tal-1983[32] biex juri l-validità ta' dawn id-digrieti u statuti tal-Knisja. Oltre dan jikkwota minn sentenzi nostrali pjuttost antiki, li però għadhom attwali u rilevanti għal dan il-kamp ġuridiku, biex juri li l-Kodiċi Kanoniku għadu validu fil-Liġi Maltija fir-rigward ta' materji Ekklesjastiċi. S'intendi dan jibqa' jgħodd sakemm ma jkunx hemm xi liġi tal-pajjiż li ma tipprovdix mod ieħor bħal fil-każ ta' Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ser tagħmel biss elenku ta' bosta minn dawn is-sentenzi kkwotati: **Rosina Wilson *vs.* Dottor Fisico P. Rocco Peralta *et***, App.*,* 4 ta' April, 1892 (Kollez. Vol. XIIIB, p. 173), **Peralta *vs.* Ellul**, App., 10 ta' Ġunju, 1891, **Vella *nata* Cassar *vs.* Grazia Scerri *et***, App., 4 ta' Ġunju, 1894 (Kollez. Vol. XIVB, p. 316), **Fortunata Fleri *vs.* Carmelo Cassar *noe.***, App., 4 ta' Marzu, 1892 (Kollez. Vol. XIIIB, p. 130), **Avv. Dr Giuseppe Pace *noe vs.* Marietta Annati *et***, App., 29 ta' Marzu, 1957 (Kollez. Vol. XLIB, p.217), **Giuseppe Borg *vs.* Reverendu Patri Giuseppe Maria Gauci O.P. *noe.***, P.A., 7 ta' Ottubru, 1957, **Joseph Grech Magre *vs.* Avv. Dottor John Pullicino *et noe.***, P.A., 12 ta' Lulju, 1946 (Kollez. Vol. XXXIID, pt.ii, p. 408), **Baruni Ciappella *vs.* Dottor Gauci Maistre *noe.***, P.A.,

[30] *A fol.* 62, 64 u 65
[31] *A fol.* 80 tal-proċess
[32] *"Ordinaries must carefully supervise the administration of all goods which belong to the public juridical persons subject to them, without prejudice to the lawful titles which may be given the ordinary greater rights. (ii) taking into account, rights, lawful customs and circumstances, ordinaries are to regulate the whole matter of the administration of Ecclesiastical goods, by issuing special instructions within the limits of universal and particular Law."*

7 ta' Awwissu, 1941, **Carmelo Formosa *vs.* Avv. Dottor Arturo Valenzia *et noe***, P.A., 29 ta' April, 1959 (Kollez. Vol. XLIIID, p.ii, p.706) u **Saċerdot Nazzareno Curmi u Paolo Curmi fil-kwalità tagħhom ta' kuraturi tal-eredità ġjaċenti ta' Maria Giuseppina Curmi *et vs.* l-Illustrissimo u Reverendissimu Monsinjur Kanonku Dekan Giuseppe *dei* Marchesi Depiro *noe.*,** App., 12 ta' Frar, 1936 (Kollez. Vol. XXXIB, pt.i, p.475).

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għal sentenza ferm iktar reċenti tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Joseph Aquilina Ekonomu ta' Monsijur Arċisqof Giuseppe Mercieca *noe. et vs.* Richard dei Conti Stagno Navarra *et*** tat-29 ta' Novembru, 2013, li tqis id-dritt kanoniku bħala li għadu validu u applikabbli fir-rigward ta' materji ekklesjastiċi.

Illi għar-rigward il-Legat taż-Zwieġ fondat minn Maddalena Cardona fit-testment, hemm ċar li l-amministrazzjoni tiegħu tħalliet f'idejn l-istess Konfraternità u ladarba din Konfraternità llum taqa' taħt l-amministrazzjoni tal-Arċisqof, hekk ukoll il-Legat jaqa' fi ħdan l-amministrazzjoni tiegħu. Oltre dan il-Kap. 3 tal-Liġijiet ta' Malta jirregola legati bħal dak mertu tal-kawża odjerna. L-artikolu 2 tal-Kap. 3 fil-fatt jgħid illi:

> "L-amministrazzjoni tal-legati kollha taż-żwieġ li s'issa kienet imħollija f'idejn l-Arċisqof ta' Malta biss, għandha tibqa' u tissokta, sakemm ma jsirux disposizzjonijiet oħra fuq daqshekk, taħt it-triġija u l-kontroll tal-Arċisqof ta' Malta hawn fuq imsemmi jew tal-Vigarju Kapitolari *pro tempore*."

Fattwalment irriżulta wkoll mill-provi li l-introjtu taċ-ċens dovut lill-Konfraternità tal-Karmnu tal-Belt Valletta li kkonċediet l-art inkwistjoni

b'titolu ta' ċens perpertwu lill-Patrijiet tal-Ordni konvenuta, effettivament iħallsu ċ-ċens lill-Kurja Arċiveskovili rappreżentata mill-Arċisqof ta' Malta.[33]

Tqis għalhekk illi mill-provi mressqa ġie suffiċentement ippruvat illi l-attriċi *nomine* ġiet nominata bħala Ekonomu biex tirrappreżenta lill-Arċisqof ta' Malta u li l-istess Arċisqof għandu r-rappreżentanza taż-żewġ entitajiet ekkleżjastiċi li għan-nom tagħhom ġew promossi dawn il-proċeduri u li l-Arċisqof ta' Malta huwa effettivament vestit bl-amministrazzjoni taż-żewġ entitajiet li l-attriċi *nomine* qiegħda tirrappreżenta f'din il-kawża.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant il-Qorti qiegħda:**

**(1) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tar-Reverendu Alexander Vella bħala Provinċjal tal-Ordni Karmelitan ta' Malta u in rappreżentanza tal-istess u tar-Reverendu Charles Mallia bħala Pirjol tal-Komunità Karmelitana tal-Kunvent tal-Karmelitani tal-Balluta San Ġiljan u in rappreżentanza tal-istess, u dan bl-ispejjeż ta' din l-eċċezzjoni kontra tagħhom;**

**(2) Tiċħad ukoll l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut John Cilia u dan bl-ispejjeż ta' din l-eċċezzjoni kontra tiegħu.**

**(3) Tordna l-prosegwiment tal-kawża bis-smigħ tal-provi dwar il-mertu.**

[33] *Vide fol.* 211 – l-irċevuta taċ-ċens li tħallas lill-Kurja Arċiveskovili.

Moqrija.